### Mal Secco - Citrus Dry rot (*Phoma traceiphylla)*

- Tnixxif li jibda minn-naħa ta' fuq tas-siġra
- Qerrieda ħafna fuq il-lumi, lumicell, berga-motta u larinġ tal-bakkaljaw
- Sintomi jidhru l-iżjed fir-rebbiegħa
- Is-sintomi kapaċi iwasslu għal qerda totali tas-siġra infettata



**Tnixxif mgħaġġel ta' siġra tal-lumi bil-frott għadu fis-siġra** Sors: [http://www.padil.gov.au/viewPest.aspx?id=576](http://www.padil.gov.au/viewPest.aspx?id=576)

### Kontroll tal-mard tal-*Mal Secco*

- Neħħi u aħraq iż-zkuk affettwati jew is-siġra kollha jekk din tkun infettata ħafna.

- Taħratx l-art taħt is-siġar fi żmien il-ħarifa jew ix-xitwa sabiex tnaqqas iċ-ċans ta' in-fezzjonijiet mill-għeruq.

- Bexx minn darbtejn sa ħames darbiet bi pro-dotti li fihom il kupru jew *Thiophonate-methyl* matul ix-xitwa speċjalment wara li jkun



**Meta taqsam iz-zkuk affettwati bit-tnixxif dawn jidhru ta' lewn isfar fir-roża tipiku ta' din il-marda**
Sors : [http://www.tagem.gov.tr/YAYINLAR/KITAP2/uckurutan.html](http://www.tagem.gov.tr/YAYINLAR/KITAP2/uckurutan.html)



**Sintomi tal-*P.trachephila* fuq il-weraq** Sors: [www.padil.gov.au](http://www.padil.gov.au)


**Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti**

Ċentru għall-Bijoteknoloġija tal-Pjanti
Triq Annibale Preca,
Lija LJA 1915

Tel: +356 2339 7100/223
Fax: +356 21414493
[www.planthealth.gov.mt](http://www.planthealth.gov.mt)
[www.mrra.gov.mt](http://www.mrra.gov.mt)


# DIPARTIMENT GĦAS-SAĦĦA TAL-PJANTI
MRRA

# MARD TAL-MOFFA TAĊ-ĊITRU




**Mal secco *(Phoma traceiphilla)* jattakka l-lumi**
Sors: [http://www.bspp.org.uk/ndr/jan2008/2007-86.asp](http://www.bspp.org.uk/ndr/jan2008/2007-86.asp)


Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Fondi ta' l-Unjoni Ewropea għall- Iżvilupp Rurali, l-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali.

Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea

# Mard tal-Moffa taċ-Ċitru

**Moffa tal-*Phytophtora* li tikkawża Foot rot, Gummożi u taħsir tal-frott**



**Sintomi ta' *P. parasitica* that il-qoxra taz-zokk**
Sors: Cagayan, Philippines- http://cals.arizona.edu/pubs/diseases/az1154/#phyto

Mikrobi li jinsabu fil-ħamrija. Kapaċi idumu sa sentejn bħala spori. L-infezzjoni tibda mill-għeruq, mill-kullar tas-siġra fejn tmiss mal-ħamrija kif ukoll fuq il-frott.
Din il-marda tinstab l-aktar fejn il-ħamrija tkun maqrusa u kumpatta, speċjalment fi-staġuni umdi (mill-ħarifa sar-rebbiegħa).
Il-qoxra tidher tinxef u titqaxxar u toħroġ gummożi l-aktar mad-dawra tal-kullar tas-siġra fejn tmiss mal-ħamrija.

.



**Sintomi tal-Foot Rot fuq iz-zokk tal-lumi** **Sors:** www.backyardcitruscare.com



**Infezzjoni ikkawżata mill-Phytophtora mal-wiċċ tal-ħamrija.** Sors: http://edis.ifas.ufl.edu/CH087



**Mard tal-*Phytophtora* Brown Rot fuq Grape-fruit** Sors: http://plantpathology.tamu.edu/Texlab/Fruit/citrus/thumbnails/br.jpg

**Kontrol kimiku tal-marda tal-Foot rot u Gummożi taċ-Ċitru**

- Trattament taz-zokk, il-kullar u l- ħamrija mad-dawra tas-siġra bil- Kupru, *Fosetyl Alu-minum* jew *Metalaxil-M*. It-trattament irid isir matul ir-rebbiegħa, is-sajf u l-ħarifa waqt li s-siġra tkun attiva.
- It-trattament isir billi jintbexx il-prodott fuq iz-zkuk affettwati jew jinzebaħ taħlita konċentrata tal-bexx maz-zokk prinċipali. Fejn iz-zokk ikun attakkat qaxxar b'xafra iz-zokk sa żewġ ċentimetri il-ġewwa minn fejn jidher li hu nadif mill-infezzjoni.
- Ittratta iz-zokk imqaxxar bil-*Potassium perman-ganate* (Permanganant) u taħlita tal-fungiċida. Wara li il-bexx jinxef iżboħ bil-kolla tas-siġar.

**Kontrol agronomiku jinkludi:**

- il-ħamrija ma żżomx ħafna ilma għal tul ta' ħin
- tevita' ilma li jgħaddi bejn siġar differenti speċjalment meta jissaqqew bil-konk
- tuża tisqija bit-taqtira *(drip irrigation)*
- tevita perjodi ta' nixfa u perjodi ta' ħafna tisqija li jalternaw
- tevita' l'użu eċċessiv ta' fertilizzant li iżid l-imluħa fil-ħamrija
- tutilizza *rootstocks* reżistenti



**Twaqqigħ tal-frott permezz tal-marda** **Sors:** http://www.plantpathology.tamu.edu